MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 407/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**David Joseph Gauci**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 22 ta’ April, 2014, fil-konfront ta’ David Joseph Gauci, ta’ 26 sena, iben Paul u Maria Theresa k/a Moira xebba Abela, imwieled Pieta’ nhar l-20 ta’ Awissu, 1987 u residenti ‘Melifond’, Flat 4, Triq il-Mazzola, Bugibba u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 382487 M fejn ġie mixli talli:

1. Fil-lejl ta' bejn 1 u 2 ta' Ġunju, 2004, minn Triq Santa Marija Zebbug, Malta, f'ħin mhux magħruf seraq vettura ta' għamla Mini Austin bin-numru ta' reġistrazzjoni AAR 474, liema serq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) u għalhekk ikkwalifikat bil-mezz, valur u ħin u li sar għad-dannu ta' ċertu Nazzareno Cortis, karta tal-identita' numru 0768437 M u/jew persuna/i oħra;
2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-€ 116.47 fuq vettura ta' għamla Mini Austin bin-numru ta' reġistrazzjoni AAR 474 għad-dannu ta' Nazzareno Cortis u/jew persuna/i oħra;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostazi, laqa' għandu, jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. Aktar talli f'din id-data, ħin, post u ċirkostanzi saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni AAR 474 ta' għamla Mini Austin mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni għal terzi persuni;
5. U aktar talli sar użu mill-vettura ta' għamla Mini Austin bin-numru ta' reġistrazzjoni AAR 474 liema vettura tgħajjat lil Nazzareno Cortis u/jew persuna/i oħra;
6. ukoll talli ġewwa San Ġwann nhar l-10 ta' Settembru, 2006, f'ħin mhux magħruf, b'atti esterni ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt u ċioe' serq minn ġo vettura ta' għamla Peugeot numru ta' registrazzjoni IAE 498 ta' diversi oġġetti, liema reat ma seħħx minħabba xi ħaga involontarja u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u li sar għad-detriment ta' Charlene Ann Sciberras, detentriċi ta' karta tal-identita' 0254994 M u/jew persuna/i oħra;
7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi il-Euro 116.47 fuq vettura ta' għamla Peugeot numru ta' reġistrazzjoni IAE 498 għad-dannu ta' Charlene Ann Sciberras, detentriċi ta' karta tal-identita' 0254994 M u/jew persuna/i oħra;
8. Talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul il-kors tal-eżami tiegħu skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-imputat wieġeb li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 10 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Rat li matul is-seduta tal-lum stess il-partijiet qablu illi : -

(a) it-tieni imputazzjoni għandha, għal fini ta piena tiġi kunsidrata assorbita fl-ewwel imputazzjoni in kwantu l-ħsara allegatament kaġunata fil-vettura hemmhekk imsemmija għandha tiġi kunsidrata bħala mezz biex setgħa jiġi mwettaq ir-reat kontestat fl-ewwel imputazzjoni;
(b) għall-istess raġunijiet is-seba' imputazzjoni għandha tiġi kunsidrata assorbita fis-sitt imputazzjoni;
(c) t-tielet imputazzjoni ta' riċettazzjoni ġiet konstestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni;
(d) r-raba' imputazzjoni ma ghadhiex aktar prosegwibbli stante d-dekors taż-żmien ghal prosegwibilita' skont l-Artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) il-ħames imputazzjoni ta' "furtum usus" għandha titqies bħala assorbita għal fini ta' piena fl-ewwel imputazzjoni in kwantu l-vettura intużat biex ikun jista jkun perfezjonat is-serq tal-vettura.

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu, u wara l-preċiżazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija, irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu ħlief għat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet għar-raġunijiet miġjuba aktar il-fuq.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif aktar il-fuq speċifikati u maqbula bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża, ħlief għat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet għar-raġunijiet miġjuba aktar il-fuq.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena senjatament li l-imputat kien minorenni meta seħħ il-kaz, li din kienet ammissjoni bikrija, li l-vetturi kienu ġew ritornati lil sidhom u tennew li f'dan il-każ, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, piena ġusta li għandha tiġi kunsidrata minn din il-Qorti għandha tkun dik kontemplata fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi għalkemm l-imputazzjonijiet li ammetta għalihom l-imputat huma sitta b'kollox, il-piena li għandha tiġi inflitta trid tirrifletti l-alternattivita u l-assorbimenti skont il-każ kif imsemmija aktar il-fuq.

Inoltre, meta seħħew ir-reati, xejn anqas minn **<u>għaxar snin ilu</u>** l-imputat, kien verament għadu minorenni u għalhekk din il-Qorti hija marbuta li tnaqqas il-piena skont dak misjub fl-Artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali bi grad jew tnejn. Del resto jidher li anke l-Avukat Ġenerali għażel li jagħti l-kunsens tiegħu biex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u għalhekk din il-Qorti tifhem li fid-dawl tal-ewwel imputazzjoni, l-istess Avukat Ġenerali kien qiegħed jikkontempla riduzzjoni massima fil-piena erogabbli bil-massimu ta' żewġ gradi.

Oltre minn hekk ġjaladarba l-imputat tressaq illum **<u>wara għaxar snin</u>** u huwa ammetta fl-ewwel seduta li kien imħarrek fiha, ironikament id-difiża għandha punt ittenni li l-ammissjoni tiegħu (sa' ċertu punt) hija bikrija fis-sens li saret matul l-ewwel seduta utli.

Apparti dan, minkejja l-fedina penali tal-imputat hija waħda imżewqa b'diversi reati ta' serq, fil-jum ta' meta seħħew ir-reati de quo, l-imputat kien reċidiv bir-reat ta' sewqan mingħajr liċenza u polza t'assikurazzjoni u b'hekk għalkemm reċidiv ai fini tal-Artikolu 49 u 50, ma kienx għadu laħaq gradwa reċidiv fis-sens tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti għalhekk sejra żżomm dan ukoll in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li t-tielet imputazzjoni ta' riċettazzjoni ġiet konstestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni kif ukoll li r-raba' imputazzjoni ma għadhiex aktar prosegwibbli kontra l-imputat stante d-dekors taż-żmien għal prosegwibilita' tagħha skont l-Artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata u mtennija tal-istess imputat skont kif mistqarr u speċifikat aktar il-fuq, qegħda ssib lil David Joseph Gauci, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu ħlief għat-tielet

imputazzjoni u r-raba' imputazzjoni, b'dan li l-istess ħtija fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet imsemmija għandha tiġi kunsidrata bil-mod segwenti u ċioe' li : -

(a) t-tieni imputazzjoni għandha, għal fini ta' piena tiġi kunsidrata assorbita fl-ewwel imputazzjoni in kwantu l-ħsara allegatament kaġunata fil-vettura hemmhekk imsemmija għandha tiġi kunsidrata bħala mezz biex setgħa jiġi mwettaq ir-reat kontestat fl-ewwel imputazzjoni;
(b) għall-istess raġunijiet is-seba' imputazzjoni għandha tiġi kunsidrata assorbita fis-sitt imputazzjoni;
(c) il-ħames imputazzjoni ta' "furtum usus" għandha titqies bħala assorbita għal fini ta' piena fl-ewwel imputazzjoni in kwantu l-vettura intużat biex ikun jista jkun perfezjonat is-serq tal-vettura;
(a) l-imputat għandu jiġi meqjus reċidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux ai termini tal-Artikolu 289 tal-istess Kodiċi.

Għalhekk wara li rat l-Artikoli 17, 31, 37, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 278(2)(3), 279(b), 280(1), 288, 325(1)(b), 334(a), tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 3(1)(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta peress li għar-raġunijiet kollha premessi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi fl-Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u tenut kont tax-xorta tar-reati, taż-żmien li fihom saru tal-eta tal-ħati meta wettaq dawn ir-reati u tad-dekors ta' għaxar snin sħaħ mill-kommissjoni tar-reati de quo il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, stante li m'hemmx il-presupposti fattwali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ, qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni għall-kundanna dwar l-ispejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti skont l-istess Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Mogħtija illum, id-9 ta' Ġunju 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------